MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## DENNIS MONTEBELLO

Seduta tat-28 ta' Frar, 2003

Avviz Numru. 22/2003

**Avviz Nru 22/03 – DM**

**Francis Zammit ezercitanti l-kummerc taht l-isem ta' Zammit Auto Dealers**
**Vs**

**Lino Spiteri**

Il-Qorti,

Rat l-avviz permezz ta' liema l-attur talab il-kundanna tal-konvenut ghal hlas tas-somma ta' elfejn, tmien mija u hamsin lira Maltin (Lm2,850) rapprezentanti prezz ta' vettura Volkswagen Golf bin-numru ta' registrazzjoni KAD 492 mibjugha u kkonsenjata lill-konvenut.

Bl-ispejjez u bl-imghax bil-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.

Rat illi l-konvenut debitament notifikat ma deherx biex jikkontesta t-talba attrici.

Ghaldaqstant wara li l-Qorti semghet lill-attur bil-gurament, rat id-dokumenti kollha minnhu esibiti, issib illi t-talba attrici tirrizulta gustifikata u timmerita konferma.

Ghaldaqstant wara li l-Qorti rat ukoll in-nota ta' riduzzjoni pprezentata fis-seduta tal-lum stess fejn is-sorte gie ridott ghas-somma ta' elfejn, u erba' mitt lira Maltin (Lm2,400);

Il-Qorti qieghdha tilqa t-talba attrici limitatament billi tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill – attur is-somma mitluba ta' elfejn, u erba' mitt lira Maltin (Lm2,400) bl-imghaxijiet kummercjali b'effett mill-1 t' Ottubru 2001;

Bl-ispejjez kontra l-konvenut.

--------------------------------TMIEM--------------------------------